**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/153/16/S

Innocent Sciberras

Vs

Francois Cumbo

Illum 18 ta'Mejju,2017.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Innocent Sciberrasipprezentata fid-19 t'Awwissu,2016 filwaqt li Francois Cumbo, ghalkemm debitament notifikat, baqa' la pprezenta risposta u lanqas deher quddiem dan it-Tribunal;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lir-rikorrenti u t-trattazzjoni maghmula fis-6 t'April,2017;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ordni ta' xoghol ta' "gypsum" liema xoghol qatt ma nbeda u lanqas gie ritornat id-depozitu ta' €400 imhallsa mir-rikorrent lill-intimat;

Illi jinghad mal-ewwel li Francois Cumbo naqas milli jwiegeb ghat-talba rikorrenti u lanqas deher ghas-seduti li saru;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik rikorrenti li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mill-intimat;

Illi n-nuqqas ta' dehra tal-intimat ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrenti spjega r-raguni ghat-talba mitluba u pprezenta kopja tac-'cheque' moghti u msarraf mill-intimat;

Illi min-naha l-ohra l-intimat ma deherx biex jitfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex jaghti l-verzjoni tieghu;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Innocent Sciberras u Jordna lil Francois Cumbo ihallas lura lil Innocent Sciberras is-somma ta' €400 bl-interessi mis-17 ta'Gunju,2016 sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu unikament mill-intimat Francois Cumbo.

Richard Sladden Av.
Arbitru